TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

CCT/286/13/S

Vincienne Farrugia
Vs
Grand Hotel Excelsior Limited

Illum 8 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Vincienne Farrugia datata 10 ta'Dicembru,2013 u r-risposta tas-socjeta intimata Grand Hotel Excelsior Limited datata 24 ta'Dicembru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-seduta tas-16 ta'Lulju,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda diversi ilmenti dwar is-servizz moghti f'tieg li sar fil-lukanda Grand Hotel Excelsior;

Illi t-Tribunal ezamina kull ilment imressaq mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata;

Illi jidher li t-talba tar-rikorrenti hi ghal danni morali ghax mill-provi, ma jidhirx li gew sofferti danni reali;

Illi fir-rigward tal-ilment dwar insetti fuq il-kejk, dawn mhumiex fil-kontroll tas-socjeta intimata partikolarment meta t-tieg sar fuq barra;

Illi dan it-Tribunal jerga' jtenni li kulmin joffri servizz ghandu jipprovdi s-servizz miftiehem u li jkun tal-livell li wiehed jistenna minn min itieh;

Illi ghalhekk lukanda ta'5 stilel trid taghti servizz li jirrifletti l-livell tal-istess lukanda;

Illi jigi ribadit li servizz moghti minn lukanda ta'5 stilel ghandu jkun mill-iprem u ghalhekk tezisti l-kwalifikazzjoni tal-istilel mill-awtoritajiet kompetenti biex il-konsumatur mal-ewwel ikollu idea x'livell ghandu jistenna u xi jhallas;

Illi mill-provi mressqa, it-talba fit-totalita taghha ghal kumpens daparti tar-rikorrent mhijiex gustifikata;

Illi l-ilment dwar il-kamra mhuwiex gustifikat ghax gie ppruvat li l-kamra moghtija kienet wahda 'de luxe';

Illi fir-rigward tan-'name tags' dawn ma gewx maghmula mis-socjeta intimata izda dan hu nuqqas zghir;

Illi mhux l-istess huwa l-ilment dwar is-sitwazzjoni tal-kmamar tal-banju;

Illi gie ppruvat li l-kmamar tal-banju ghamlu hin mhux f'kundizzjoni dicenti u l-persuna li kellha tkun hemmhekk, ma kinitx il-hin kollu hemm;

Illi fl-opinjoni tat-Tribunal dan hu nuqqas serju li s-socjeta intimata kellha tahseb ghalih minn qabel f'attivita bhal tieg fejn l-ammont ta'nies hu wiehed sostanzjali;

Illi fuq l-ilment dwar il-frawli, ir-rikorrenti stess ikkonfermat li hi ma kinitx hadet minnhom (ghax allergika ghalihom) u li l-frawli kienu jidhru u mhux imhallta ma' ingredjenti ohra;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' parzjalment it-talba ta' Vincienne Farrugia b'dan li s-socjeta Grand Hotel Excelsior ghandha thallas lil Vincienne Farrugia is-somma stabbilita *ex aequo et bono* ta' €550, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru